Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Elliot Magro)

vs

Stephania Schembri

Kumpilazzjoni Numru: 270/2021

Illum 11 ta' Dicembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Stephania Schembri** detentrici tal-karta tal-identità numru 337278M akkuzata talli nhar **is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2021 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnha fi zminijet u postijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

1. Gieghlet annimali jsofru ugiegh, tbatija u dwejjaq minghajr bzonn, <u>u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammet jew qablet li zzomm annimali minghajr ma kienet responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom, <u>u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqset milli tiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet tal-annimali li hi kienet responsabbli ghalihom jew qablet li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost ohrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annmiali jesprimu l-imgieba normali taghhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn ugiegh, tbatija, korrimenti u mard, <u>u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>

4. **Talli abbandunat il-kelb f' post pubbliku minghajr ma kienet mieghu u dan bi ksur tas-subregolament 2 tar-regolament 6 tal-legislazzjoni sussidjarja 437.101;**

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata disgha u ghoxrin (29) ta' April elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta;

Semghet il-provi kollha inkluz l-istqarrija tal-imputat u t-trattazzjoni tal-partijiet;

IKKUNSIDRAT:

Illi l-Qorti semghet diversi xhieda fosthom ta' Claire Gafà li stqarret li hi tahdem xoghol volontarju gewwa l-Island Sanctuary. Tghid li hi rceviet rapport fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena 2021 li kien hemm kelb Cocker Spaniel ta' lewn iswed vicin il-Kappella tas-Silg gewwa Marsaxlokk li kien fi stat mitluq u bilqieghda. Tghid li wara saghtejn irceviet l-istess rapport minghand persuna ohra.

Tixhed li l-kelb ingab is-santwarju u li minn hemm gie skennjat u zvelat li l-kelb kellu cippa li tghajjat lil certu Dr Simon Mercieca. Tghid li hi pprosegwiet sabiex tkellem lil dan l-individwu li kkonferma li hu kien ta l-kelb lil oht martu. Tghid li kkomunikat ma' din il-persuna l-ohra u tali persuna kkonfermat maghha li kienet abbandunat il-kelb. Tghid però li ma tiftakarx isimha. Tghid li ghamlet rapport ta' dan l-incident mal-Animal Welfare liema rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. CG2.

Tkompli tixhed li mill-esperjenza taghha, il-kelb ma kienx fi stat hazin ta' sahha izda s-suf tieghu kien maghqud kollu u dan kif ikkonfermat fir-ritratti esebiti bhala Dok. CG1. Tghid li l-kelb ittiehed mill-Animal Welfare, ittella' l-isptar fejn inghata sedation u gie ippettnat u wara ddahhal gewwa l-Island Sanctuary. Tghid li l-kelb inkwistjoni qatt ma wera komportament aggressiv izda klieb tat-tip tieghu u cioè cocker spaniels ghandhom tendenza li jkunu aggressivi.

Illi xehdet <u>Dr Sara Maran</u> li tghid li l-kelb mertu tal-kawza ngab gewwa l-APH Animal Hospital u li kellu cippa rregistrata. Izzid tghid li l-kelb huwa cocker spaniel ta' lewn iswed. L-Animal

Welfare Officer qal li dan kien kelb li gie abbandunat allura kellha tiskopri fid-dettall il-kundizzjoni tieghu. Tghid il-kelb kellu bzonn jigi mnaddaf stante li l-gilda tal-kelb kienet f'kundizzjoni hazina. Tixhed li ma tiftakarx fejn kien gie abbandunat dan il-kelb. Tghid li c-cippa giet ezaminata l-ghada li invistat lill-kelb u li ma tafx lil min tappartjeni. Tghid ukoll li mir-ritratti mmarkati bhala Dok. CG1 ma tistax tghid mija fil-mija li huwa l-istess kelb li hi invistat. Ipprezentat rapport immarkat bhala Dok. SM1.

Illi xehed <u>**Dr Luke Vella Verzin**</u> veterinarju li jghid li kien jahdem mal-Animal Welfare u li kien ghamel kwerela flimkien mal-Prokuratur Legali li kienet tahdem mal-istess assocjazzjoni. Ipprezenta tali kwerela mmarkata bhala Dok. LV1. Jixhed li din il-kwerela kienet intbaghtet fil-konfront tal-imputata u certu Simon Mercieca. Jghid li hu kien involut fil-kaz inkwistjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-salvatagg tal-kelb. Jghid li tali kelb instab barra u b'cippa. Ikompli jixhed li hu ma nvistax il-kelb stante li kien qieghed jagixxi bhala Enforcement Officer.

Illi xehed <u>**Robert Gauci**</u> li jghid li jokkupa l-kariga ta' ufficjal mal-Animal Welfare. Jghid li hu ma jiftakarx x'kien l-involviment tieghu fil-kaz tal-kelb mertu tal-kawza.

Illi l-Qorti semghet lil <u>**Simon Mercieca**</u> li stqarr li l-imputata hija oht martu. Jixhed li gurnata minnhom kien ircieva telefonata minghand persuna tinfurmah li kien hemm kelb li jappartjeni lilu ghandha. Hu jikkonferma li hu kien is-sid tal-kelb ghal madwar erba' (4) snin meta b'att ta' karità kien ghadda l-kelb ghand il-familja tal-akkuzata. Jghid li l-familja tal-istess imputata kienet tinkombi tliet (3) persuni u cioè l-imputata nnifisha, ommha u missierha. Jispjega li omm l-imputata kienet tbati bid-depression, filwaqt li missierha kien issepara minn mal-omm allura fil-verità l-imputata kienet l-unika persuna adegwata sabiex tiehu hsieb dan il-kelb. Jghid li però ma jafx x'gara dakinhar tal-allegat reat. Jikkonferma li n-numru tac-cippa tal-kelb jappartjeni lilu stante li huwa l-istess numru fuq il-passaport tieghu.

Jixhed li l-kelb kien abbandunat meta dahlu u li kien pjuttost kalm. Ikompli jghid izda li l-uniku diffett kien li jifferocja meta wiehed jipprova jippettnah. Fil-fatt jghid li l-kelb kien gidem is-subgha

tal-mara meta hi ppruvat timsahlu saqajh. Incident iehor gara meta l-istess kelb hebb ghal kelb iehor li jappartjeni lilu. Kien ghalhekk li ddecieda sabiex jghaddu l-kelb mertu tal-kawza lill-imputata.

Illi xehed <u>Robert Farrugia</u> li jghid li ilu mal-Animal Welfare ghal madwar tliet (3) snin. Jghid li l-allegat reat sehh fis-sebgha u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena 2021 fejn kienu sabu kelb mahmug u b'difrejh twal. Jikkonferma li dan il-kelb instab Tas-Silg u li l-kelb kien jghajjat lil persuna u li tali persuna kien ghaddieh lil haddiehor. Jghid li mar fuq il-post fejn instab il-kelb ma' Robert Gauci u li minn hemm haduh l-Island Sanctuary. Jixhed li meta nstab il-kelb dan kien wahdu. Jghid li ma jiftakarx x'jismu sid il-kelb.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda tal-<u>imputata Stephania Schembri</u> li tghid li l-kelb inkwistjoni kien ta' Simon Mercieca li jigi r-ragel t'ohtha. Tghid li kultant zmien kienet tiehu l-kelb dawra bil-karozza u fil-fatt hekk gara dakinhar tal-allegat reat. Tixhed li marru lejn Marsaxlokk u ma kinitx ghamlitlu c-cinga. Tghid li appena ommha fethet il-bieb tal-karozza il-kelb harab 'l hemm. Ippruvat tigri warajh izda qatghet qalbha u rritornat lura d-dar.

Tghid li rceviet telefonata minghand il-Pulizija dwar tali kelb stante li kien instab. Tinnega li qatt irceviet telefonata minghand l-Animal Welfare. Tghid li kienet tiehu l-kelb ghand groomer u li kienet tkun battikata sabiex izzommu kalm matul l-appuntament.

__IKKUNSIDRAT:__

Dwar l-ewwel tliet (3) imputazzjonijiet li ghandha quddiemha din il-Qorti, u cioè dawk taht l-Artikolu 8 (2), (3) u (4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi tali Artikoli 8 jiddisponu:

> *"(2) L-ebda annimal ma ghandu jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat."*
>
> *(3) Kull min izomm l-annimali jew jaqbel li jzomm animmali ghandu jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom.*
>
> *(4) Kull persuna ghandha tiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigiet ta' annimal li*

*hija responsabbli ghalih, jew li taqbel li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal. Ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu, htigiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imgiba normali tieghu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali ohra fejn mehtieg, u protezzjoni minn ugigh, tbatija, korrimenti u mard."*

Illi l-piena ghal tali reati hija mnizzla fl-Artikolu 45 li jiddisponi s-segwenti:

*(1) Kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtu ghandha:*

*(a) meta tinstab hatja għall-ewwel darba, tehel multa ta'mhux anqas minn elfejn euro (€2,000), izda mhux izjed minn hamsa u sittin elf euro (€65,000), jew prigunerija għal zmien mhux izjed minn tliet (3) snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien;*

*(b) meta tinstab hatja ghat-tieni darba jew aktar, tehel multa ta' mhux anqas minn sitt elef euro (€6,000), izda mhux izjed minn tmenin elf euro (€80,000), jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet (3) snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

*(2) Ir-responsabilità ta' min jikkommetti reat taht is-subartikolu (1) ghandha tkun bla hsara ghas-setghat tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, tad-Direttur ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew ta' kull ufficjal li jissospendi jew jirrevoka kull licenzja, permess jew awtorizzazzjoni mahruga taht dan l-Att jew kull regolament maghmul tahtu.*

*(3) Bla hsara għad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1), kull persuna li tinsab hatja ta' reat taht dan l-Att tista', flimkien mal-pieni preskritti taht l-ahhar subartikolu, tkun ordnata mill-Qorti li thallas l-ispejjez imgarrba ghat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess mahrug ghall-*

*operat ta' kull attività regolata taht dan l-Att u ghal spejjez ohra ragonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq.*

*(4) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att ghandhom ikunu bla hsara ghal kull procediment kriminali jew procedimenti ohra li jistghu jinbdew taht ligijiet ohra."*

Illi bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 gie specifikat f'aktar dettal liema passi ghandhom jittiehdu minn min ikun qed jiehu hsieb annimal biex jizgura illi kull annimal ikollu kull ma jinhtieg, inkluz ambjent adegwat u ikel xieraq fost ohrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Legislatur ried jiccara l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas taghhom jistghu jwasslu ghat-tbatija, mard jew ugigh tal-annimal.

Illi l-Artikolu 2 tal-istess Att jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-mohqrija u cioè:

*"'moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ggieghel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri ugiegh jew tbatija*

*li fix-xorta jew mill qawwa, jew fil-ghan taghhom, jew fic-cirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu zejda jew bla htiega."*

Fid-decizjoni moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Sergio Borg**, fil-5 ta' Ottubru 2020, intqal:

*"Illi dan huwa kaz ta' mohqrija ta' annimali da parti tal-imputat liema mohqrija, lil hinn mill-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontrih, mhux biss jirrizulta b'mod manifest mill-atti processwali izda hija wkoll, fil-fehma tal-Qorti, wahda estrema. Huwa minnu li dan l- istat ta' fatt ma jidhrix li huwa frott ta' xi att pozittiv imwettaq deliberatament mill-imputat fil-konfront tal-annimali li kienu filkustodja tieghu, izda dan ma jnaqqas assolutament xejn la mit-tbatija u dwejjaq li evidentement soffrew l-annimali in kwistjoni, u lanqas mill-htija tali imputat ghar-reati lilu addebitati. Ghall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ilahhqu jekk mhux jeccedu, f'dak li huwa mohqrija u krudelta `, kaz ta'*

*att pozittiv ta' sadizmu. Infatti, l-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq talAnnimali jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-mohqrija fejn jinghad illi:- "mohqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ggieghel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri ugiegh jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-ghan taghhom, jew fic-cirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu zejda jew bla htiega."*

*Il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw sfiq f'din id-definizzjoni legali ta' "mohqrija":*

*Minn ezami tal-atti li ghandha quddiemha l-Qorti, jirrizulta li kien hemm abdikazzjoni totali u assoluta da parti mill-imputat mill-harsien talbenessere u l-htigijiet - anke dawk mill-iktar bazici - ta' dawn l- annimali fuq perijodu ta' xejn anqas minn tliet xhur. Kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu, l-imputat, ghad kien ben konxju tal-effetti detrimentali li dan in-nuqqas kien inevitabbilment qed jirreka fuq il- benessere tal-istess annimali, minflok ha azzjoni tempestiva biex jizgura dawn lannimali ma jkunux neqsin minn ikel, ilma, esercizzju, indafa u igene,*

*akkomodazzjoni xierqa u spazju adegwat biex jghixu minghajr tbatija, ugigh u dwejjaq bla bzonn, iddecieda li jaghlaq ghajnejh u ma jaghmel assolutament xejn biex ihares l-interessi taghhom u b'hekk ikkundannahom, gurnata wara l-ohra, ghal mewt iddisprat.........Effettivament, din l- imgieba passiva izda mill-iktar sadistiku tal-imputat fil-konfront tal-Kumpilazzjoni Numru: 495/2017 13 annimali li kien izomm fir-razzett in kwistjoni, hija manifestata fl-atrocitajiet deskritti mill-ufficjali tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali fir- rapport dwar ispezzjoni li huma wettqu fis-6 ta' Jannar 2020 gewwa l-imsemmi razzett...... Ma jistax ma jigix emfasizzat illi dawn l-immagini huma xokkanti, orrendi u tat-tkexkix.*

*Huwa difficli jekk mhux impossibbli jitwemmen kif bniedem jista' xjentement jaghzel li jabbanduna lillannimali tieghu - li wara kollox kienu totalment dipendenti minnu ghall-inqas bzonnijiet taghhom galadarba huwa kien qafilhom fir-razzett f'cirkostanzi bhal dawk riskontrati fil-kaz in dizamina, fejn l-estremi tal-*

*hmieg, dlam, nuqqas ta' ikel u xorb, fost ohrajn, tant holqu tbatija, dwejjaq u ugigh ghall- istess annimali li dawn waslu fix-xifer tal-mewt u whud minnhom addirittura mietu. Multo magis meta ma jirrizultax illi l-imputat ma ghamel ebda gwadann, qligh jew vantagg iehor evidenti mit-twettiq ta' dan ir-reat."*

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri per Imhallef Aaron Bugeja fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Zammit** (dec 12/11/19) minn sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta intqal:

*"Dik il-Qorti qieset li l-htija fl-appellant kienet titnissel minn azzjoni omissiva passiva u dan ghaliex ghal raguni li jaf hu biss, ghazel li jhallih f'post fejn kien diga nghata c-cans li jnehhieh izda li ghazel li jhallih hemm. Bhala sid tal-annimal huwa kien jaf li z-ziemel kellu bzonn attenzjoni partikolari kull jum u mhux kemm wiehed itih l-ikel u xorb. Aktar u aktar meta kien qieghed ihallih f'idejn huh u neputih li maghhom kellhom glied, piki, kwereli u kawzi l-Qorti.*

*44.Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija, jew dwejjaq bla bzonn jew li jigi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeccih fizikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimghu u taghti kasu. Tista' ggeghlu jbati billi ttih ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ggegħlu jbati billi tonqos milli ttih bizzejjed ikel tajjeb ghalih. Tista' ggegħlu jbati wgiegh billi issawtu fizikament daqskemm tista' ggeghlu jbati wgiegh billi ma ttihx il-kura veterinarja mehtiega ghal mard jew griehi li jkollu.*

*45.F'dan il-kaz, l-appellant, fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-każ jirrizulta li, minkejja l-glied, attrit, piki, kwereli u kawzi li kien hemm bejnu u bejn huh u neputih, għazel li jiehu diversi oggetti mill-eghlieqi kontestati filwaqt li halla liz-ziemel fl-eghelieqi kontestati minkejja li kien interpellat biex jiehdu minn hemm. Fl- isfond ta' din ir-relazzjoni hazina bejnu u bejn huh u neputih, huwa bl-ebda mod ma setgha ragonevolment jippretendi minnhom*

*li jiehdu l-kura taz-ziemel daqs kemm setgha jiehu kura hu, anke jekk huma kienu legalment marbuta li jiehdu hsieb iz-ziemel sewwa la darba dan izziemel zammewh fl-ghalqa detenuta minnhom. Biss l-appellant kien jaf, u setgha facilment jipprevedi li, il-mument li kien sejjer ihalli z-ziemel hemmhekk, il-probabbilita kienet se tkun li huh u neputih ma kienux sejrin jipprodvu dik il-kura u attenzjoni li dak iz-ziemel kien jehtieg li jkollu, u dan b'detriment ghal sahhet dak iz-ziemel.*

*46.Il-Qorti tal-Magistrati kellha quddiemha kuntest fejn, minkejja li l- appellant setgha facilment jipprevedi l-event tal-ugiegh, tbatija, dwejjaq u abbandun, jekk huwa kien ser ihalli z-ziemel warajh fl-ghalqa, huwa mill-banda l-ohra gie jaqa' u jqum jekk dawn l-eventi, facilment prevedibbli bhala probabbli, isehhux jew le.*

*47.L-appellant, f'dawk ic-cirkostanzi, setgha jara li l-eventi tal-ugiegh, tbatija, dwejjaq u abbandun, kienu konsegwenzi possibbli tal-fatt li huwa ghazel li jhalli lil dan iz-ziemel fl-ghalqa okkupata minn huh u neputih minflok*

*jiehu dak iz-ziemel mieghu taht il-kura diretta tieghu. Huwa setgha jipprevedi li, f'dawk ic-cirkostanzi ta' glied, kawzi u piki bejnu u bejn huh u neputih, dawn tal-ahhar ma kienux ser ikunu lesti li jgorru fuqhom il-piz fiziku u finanzjarju li jiehdu hsieb iz-ziemel bl-ahjar mod possibbli anke jekk legalment hekk kienu obbligati li jaghmlu, galadarba huma kienu qeghdin jaraw dan iz-ziemel bhala ostaklu ghalihom u parti millproblema li kellhom ma huhom.*

*48.Jista' jkun ukoll li f'dan il-kuntest, minkejja li l-appellant setgha facilment jipprevedi l-event tal-ugiegh, tbatija, dwejjaq u abbandun, huwa ma xtaqx li z-ziemel isofri wgiegh, tbaghtija, dwejjaq u abbandun. Izda minkejja dan xorta ppresista li jhalli z-ziemel hemm. Il-Qorti tal-Magistrati kienet konvinta sal-grad rikjest mill- Ligi li l-event talugiegh, tbatija, dwejjaq u abbandun, kien previst mill-appellant, u minkejja dan huwa ghazel volontarjament u xtaq li jhalli warajh liz-ziemel flghalqa okkupata minn huh u neputih. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li anke jekk huwa ma xtaqx lugiegh, tbatija, dwejjaq jew abbandun fiz-*

*ziemel, lintenzjoni tieghu xorta wahda tirrizulta fil-forma doluza taghha. U kif tghallem din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Il-Pulizija vs Julian Genovese tal-10 t'Awissu 2010 :-*

*Wiehed ma jrid qatt jinsa li d-dolo jikkonsisti kemm fl-intenjoni pozittiva diretta kif ukoll fl- intenzjoni pozittiva indiretta, u li din tal-ahhar hija wkoll bizzejjed biex tirradika l-element formali tar-reat meta dan ikun jirrikjedi - kif effettivament jirrikjedi l-Artikolu 325 - l- intenzjoni doluza. Sfortunatament hija opinjoni popolari, izda wahda zbaljata, anke fost certi avukati, li l-intenzjoni pozittiva indiretta hija relevanti biss fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju. Kif diga` nghad, dan ma hux minnu. Ghalhekk meta l-appellant tefa' loggetti u kkaguna hsara fil-proprjeta` tat-tifla, dan certament ma kienx kaz ta' semplici negligenza (Art. 328), fis-sens li hu naqas milli jipprospetta lhsara, izda huwa ra l-hsara fil-proprjeta` taghha bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilu u, anke jekk huwa ma riedx dik il-hsara fil-proprjeta` tattifla,*

*xorta wahda wettaq l-ghemil li gab dik ilhsara. Ghalhekk il-hsara hija wahda volontarja.*

*49.Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal- Magistrati setghet legalment u ragonevolment tasal sabiex issib lil Carmelo ZAMMIT hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu."*

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emad Masoud*** (Qorti talAppell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati*

*oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-*

*ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti qed temfasizza dan ghaliex f'dawn il-proceduri, li kieku ma kienx hemm ix-xhieda ta' individwi bhall-imputata u Claire Gafà, li kieku l-prosekuzzjoni ma kienx ser jirnexxielha sabiex tipprova l-kaz taghha. Dan qed jinghad ghall-prosekuzzjonijiet futuri fejn jittellghu xhieda li ma jzommux xi tip ta' notament dwar x'gara dakinhar tal-allegat reat. Illi huwa vitali sabiex il-harsien tal-annimali jkun protett sal-ahhar u bl-ahjar

mod, li kull persuna jew entità li ghandha f'idejha d-dmir tal-infurzar tal-harsien tal-annimali taghmel hilitha sabiex tara li effettivament il-persuna li tkun naqset tingab il-Qorti u tinstab hatja skont il-ligi. Ghalhekk ix-xhieda moghtija kemm minn Robert Farrugia kif ukoll minn Robert Gauci sejrin jigu skartati.

Illi f'dan il-kaz u b'applikazzjoni tas-sentenzi hawn fuq citati ghandna sitwazzjoni fejn l-imputata nghatat dan il-kelb minghand certu Simon Mercieca u dan stante li hass li l-kelb kellu karattru aggressiv. Mix-xhieda ta' Claire Gafà u mir-ritratti esebiti jidher car li l-kelb inkwistjoni gie abbandunat u li kien fi stat mitluq sahansitra anka qabel id-data tal-allegat reat stante li kelb ta' tip Cocker Spaniel ikun hemm bzonn li jigi ppettnat konsistentement.

Illi l-imputata min-naha l-ohra tghid li l-kelb ma giex abbandunat izda li dan harab u li hi ppruvat tigri warajh izda qatghet qalbha. Fix-xhieda taghha l-imputata taghti l-impressjoni li hi ma kinitx responsabbli ghal tali kelb stante li c-cippa tghajjat lil Simon Mercieca. Dan huwa minnu izda d-dicitura tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car fis-sens li ma hemmx referenza ghal sid il-kelb izda ghal "[*k*]*ull min izomm l-annimali*

*jew jaqbel li jzomm animmali"*. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-imputata kienet il-persuna responsabbli ghal kelb iktar u iktar meta wiehed iqis il-fatt li kienet tiehu hsieb li tali kelb jigi mqaxxar ghand groomer.

Illi din il-Qorti ma tqisx il-verzjoni tal-imputata bhala wahda kredibbli meta hi tirrakkonta x'gara dakinhar tal-allegat reat. Li kieku l-imputata kienet qieghda tagixxi bhala *bonus paterfamilias* l-ewwel nett kienet tara kif taghmel u tigri bil-kelb mhux a piedi izda bil-karozza stante li hi stess tixhed u tammetti li hadet lill-kelb dawra bil-karozza. It-tieni nett ma kinitx toqghod tistenna ghal telefonata minghand il-pulizija dwar is-sejbien tal-kelb, izda kellha tkun hi stess li tinforma lill-pulizija u entitajiet ohra dwar l-iskomparsa tal-kelb.

Illi a rigward piena din il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-Artikolu 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta kien gie emendat diversi drabi matul is-snin. Il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt ukoll li fi zmien indikat tal-allegat reat tali artikolu kien gie emendat fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena 2021 u cioè ftit xhur wara li nharget l-akkuza fil-konfront tal-imputata. Ghalhekk il-Qorti sejra

tapplika dik id-dispozizzjoni l-iktar favorevoli ghall-imputat u cioè dik id-dispozizzjoni kif kienet in vigore qabel ma dahal l-Att XXXIX tas-sena 2021.

Illi fuq dan il-punt qed issir referenza ghall-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."*

Illi din il-Qorti kif diversement preseduta dahlet f'iktar dettall fuq dan il-punt f'sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena 2017 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Saviour Gaffarena et.*** Il-Qorti qalet hekk:

> *"Il-Qorti se tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Virginia Mifsud****, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:*

*"Attesocche e ` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche ` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio, si deve applicare la legge piu ` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta ` dell'imputato. Si veda "Retroattivita della Legge" di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il Gabba quivi citato; Cheaveu et Helie "Teorica del Codice Penale (traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38; Merlin "Repertorio Effetto Retroattivo" paragrafo 11 n. 1; Dalloz: "Repertorio" voce Legge n. 874; Biblioteca del Diritto (versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) – Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13);*

*Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Agostino Bugeja****:*

> *"Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*
>
> 1. *La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*

*...*

> 2. ***Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente***

3. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e ` piu ` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge.*

*Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell'articolo 28, pel quale e ` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara ` sempre applicata quella di qualita ` meno grave.*

*Invero l'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che, cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali che nel confronto apparisca piu ` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno*

*grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu` reato: di logica, perche` maggior mitezza puo` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu` che diminuire elimini qualsiasi pena"*[1]

Illi din il-Qorti thoss illi piena pekunjarja hija l-aktar wahda idonea skont ic-cirkostanzi tal-kaz izda gialadarba l-mohqrija ma kinitx wahda esagerata tali piena ser tkun lejn il-minimu. Il-Qorti hija konsapevoli tal-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta.

Illi din il-Qorti tenfasizza kemm hu importanti li d-Direttorat tal-Harsien tal-Annimali jkollu assistenza legali soda sabiex tghin lill-

[1] Emfazi tal-Qorti

prosekuzzjoni fil-kaz taghha b'dan li jigi assigurat proceduri integri u sodisfacenti.

Decide

Ghal dawn il-motivi u wara li rat is-subregolament 2 tar-Regolament 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 437.101 kif ukoll l-Artikoli 8(2), (3), (4) u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **Stephania Schembri** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u tikkundannaha ghal multa ta' elfejn ewro (€2,000).

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**